# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 217

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

22 ta' Awwissu 2022


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1412 tad-19 ta' Awwissu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet kollha tal-annimali** ([1]) ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1413 tad-19 ta' Awwissu 2022 li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer** ([1]) ..... 6


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III** *(notifikata bid-dokument C(2020) 8550)* ([1]) ..... 49

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1415 tat-18 ta' Awwissu 2022 dwar l-approvazzjoni parzjali, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' regoli modifikati dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo)** *(notifikata bid-dokument C(2022) 5783)* ..... 88


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1412

**tad-19 ta' Awwissu 2022**

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet kollha tal-annimali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Iż-żejt ilang ilang kien ġie awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dak l-addittiv wara ddaħħal fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodott eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-fjuri tal-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu.

(4) L-applikant talab li l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-applikant talab li l-addittiv jiġi awtorizzat ukoll biex jintuża fl-ilma tax-xorb. Iżda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' komposti aromatizzanti għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jingħatax permess li ż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson jintuża fl-ilma tax-xorb.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem(ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).

(6) Fl-opinjoni tagħha tas-27 ta' Jannar 2022 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, iż-żejt essenzjali ilang ilang ma għandux effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li jenħtieġ li ż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson jitqies bħala irritant tal-ġilda u tal-għajnejn, u bħala sensitizzatur tal-ġilda u respiratorju. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv.

(7) L-Awtorità kkonkludiet ukoll, li ż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson huwa rikonoxxut li jagħti t-togħma lill-ikel, u li l-funzjoni tiegħu fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, u għalhekk ma hemmx bżonn li jkun hemm aktar provi tal-effikaċja tiegħu. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(8) Il-valutazzjoni taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant jenħtieġ li l-użu ta' din is-sustanza kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiġi awtorizzat.

(9) Jenħtieġ li jiġu previsti ċerti kundizzjonijiet biex isir kontroll aħjar. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittivi. Meta dan il-kontenut jinqabeż, jenħtieġ li tiġi indikata ċerta informazzjoni fuq it-tikketta tal-premixxeli.

(10) Il-fatt li ż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson mhuwiex awtorizzat biex jintuża bħala aromatizzant fl-ilma tax-xorb ma jipprekludix li jintuża fl-għalf kompost, li fih jiżdied permezz tal-ilma.

(11) Peress li ma hemmx raġunijiet ta' sikurezza li jirrikjedu l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanza kkonċernata, jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jitħejjew biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Awtorizzazzjoni**

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li hija fil-kategorija ta' addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", hija awtorizzata bħala addittiv tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

1. Is-sustanza speċifikata fl-Anness u l-premixxeli li jkun fihom din is-sustanza, li jkunu ġew prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Marzu 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanza kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

([3]) *EFSA Journal* 2022;20(2):7159.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanza kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b103-eo | Żejt essenzjali ilang ilang | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Żejt essenzjali ilang ilang miksub mill-fjuri tal-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson Forma likwida<br><br>Estragol ≤ 0,008 %<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>Żejt essenzjali ilang ilang miksub permezz tad-distillazzjoni bil-fwar mill-fjuri tal-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa ([1]).<br><br>Ġermakra-1(10),4(14),5-triene: 9,5 – 28 %<br>α-Farnesen: 3 – 21 %<br>Linalol: 2 – 19 %<br>Aċetat tal-benżil: 0,5 – 14 %<br>Benżoat tal-benżil: 4,2 – 10 %<br>β-Karjofillen: 4-17 %<br><br>Numru CAS: 8006-81-3<br>Numru EINECS: 281-092-1<br>Numru FEMA: 3199<br>Numru CoE: 103 | L-ispeċijiet kollha tal-annimali minbarra l-qtates | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br><br>3. Mhuwiex permess li jitħallat ma' addittivi oħrajn li jkun fihom l-estragol.<br><br>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rrakkomandat tas-sustanza attiva f'kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għat-tismin: 1 mg;<br>— tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir, dundjani tas-simna u fniek: 1,5 mg;<br>— driefeġ tal-ispeċijiet kollha tas-*Suidae*: 2 mg;<br>— is-*Suidae* tas-simna kollha: 2,5 mg; | Il-11 ta' Settembru 2032 |
| | | | Qtates | - | - | 1 | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | *Metodu analitiku* (²)<br><br>Għad-determinazzjoni tal-β-Karjofillen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal-għalf (żejt essenzjali ilang ilang):<br><br>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3063) | | | | | — ħnieżer nisa u ruminanti tal-ħalib: 3 mg;<br>— ruminanti tas-simna, u żwiemel: 4,5 mg;<br>— għoġġiela (sostitut tal-ħalib), klieb, ħut, u ħut ornamentali: 5 mg;<br>— speċijiet oħra, minbarra l-qtates: 1 mg."<br><br>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tal-premixxela meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tal-premixxela tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 4.<br><br>6. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | |

(¹) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

(²) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1413

**tad-19 ta’ Awwissu 2022**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 71(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa marda virali infettiva li taffettwa lill-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u li jista’ jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u tikkawża tfixkil fil-movimenti tal-konsenji ta’ dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605 ([2]) ġie adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll speċjali tal-mard fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer li jridu jiġu applikati għal perjodu ta’ żmien limitat mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I tiegħu (l-Istati Membri kkonċernati), fiż-żoni ristretti I, II u III elenkati f’dak l-Anness.

(3) Iż-żoni elenkati bħala żoni ristretti I, II u III fl-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 huma bbażati fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Unjoni. L-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 ġie emendat l-aħħar bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1366 ([3]) wara bidliet fis-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward ta’ dik il-marda fil-Litwanja, fil-Polonja u fis-Slovakkja.

(4) Kull emenda fiż-żoni ristretti I, II u III fl-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żoni affettwati minn dik il-marda u fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Istat Membru kkonċernat, il-livell tar-riskju ta’ aktar tixrid ta’ dik il-marda, kif ukoll il-prinċipji u l-kriterji b’bażi xjentifika għad-definizzjoni ġeografika tat-tqassim f’żoni minħabba d-deni Afrikan tal-ħnieżer, u l-linji gwida tal-Unjoni miftiehma mal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf u disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web ([4]) tal-Kummissjoni. Dawn l-emendi jenħtieġ li jqisu wkoll l-istandards internazzjonali, bħall-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri ([5]) tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u l-ġustifikazzjonijiet għat-tqassim f’żoni pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

(5) Kien hemm tifqigħat ġodda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-annimali porċini selvaġġi fil-Ġermanja u fl-Italja, u tifqigħat fl-annimali porċini miżmuma fil-Latvja.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605 tas-7 ta’ April 2021 li jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer (ĠU L 129, 15.4.2021, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1366 tal-4 ta’ Awwissu 2022 li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/605 li jistabbilixxi miżuri ta’ kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 234).

([4]) Id-Dokument ta’ Ħidma SANTE/7112/2015/Rev. 3 “Principles and criteria for geographically defining ASF regionalisation”. https://ec.europa.eu/food/animals/animal-diseases/control-measures/asf_en

([5]) Il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, id-29 Edizzjoni, 2021. Volumi I u II, ISBN 978-92-95115-40-8; https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/

(6) Barra minn hekk, f'Awwissu 2022, ġew osservati diversi tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi fl-istat ta' Brandenburg fil-Ġermanja, f'żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 u li tinsab qrib ħafna żona li hija qrib żoni li bħalissa huma elenkati bħala żona ristretta I. Dawk it-tifqigħat il-ġodda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-annimali porċini selvaġġi jikkostitwixxu żieda fil-livell tar-riskju, li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għaldaqstant, din iż-żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I f'dak l-Anness, li tinsab qrib ħafna iż-żona elenkata bħala żona ristretta II fil-Ġermanja affettwata minn dawk it-tifqigħat riċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, jenħtieġ li issa tiġi elenkata bħala żona ristretta II f'dak l-Anness minflok bħala żona ristretta I, u jeħtieġ jiġu ridefiniti wkoll il-konfini attwali taż-żona ristretta I biex ikunu jitqiesu dawn it-tifqigħat riċenti.

(7) F'Awwissu 2022 ukoll, ġiet osservata tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi fir-reġjun tal-Piemonte fl-Italja, f'żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 u li tinsab qrib ħafna żona li hija qrib żoni li bħalissa huma elenkati bħala żona ristretta I. Din it-tifqigħa l-ġdida tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimal porċin selvaġġ tikkostitwixxi żieda fil-livell tar-riskju, li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għaldaqstant, din iż-żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I f'dak l-Anness, li tinsab qrib ħafna iż-żona elenkata bħala żona ristretta II fl-Italja affettwata minn dawk it-tifqigħat riċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, jenħtieġ li issa tiġi elenkata bħala żona ristretta II f'dak l-Anness minflok bħala żona ristretta I, u jeħtieġ jiġu ridefiniti wkoll il-konfini attwali taż-żona ristretta I biex ikunu jitqiesu dawn it-tifqigħat riċenti.

(8) Finalment, f'Awwissu 2022, ġew osservati żewġ tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma fid-distretti ta' Balvu u Rēzeknes fil-Latvja, f'żoni li bħalissa huma elenkati bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605. Dawn it-tifqigħat ġodda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma jikkostitwixxu żieda fil-livell tar-riskju li jenħtieġ li tiġi riflessa f'dak l-Anness. Għaldaqstant, dawk iż-żoni fil-Latvja li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti II f'dak l-Anness, jenħtieġ li issa jiġu elenkati bħala żoni ristretti III f'dak l-Anness minflok bħala żoni ristretti II.

(9) Wara dawn it-tifqigħat riċenti tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi fil-Ġermanja u fl-Italja, u t-tifqigħat f'annimali porċini miżmuma fil-Latvja, u meta titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Unjoni, it-tqassim f'żoni f'dawk l-Istati Membri ġie vvalutat mill-ġdid u aġġornat. Barra minn hekk, ġew ivvalutati mill-ġdid u aġġornati wkoll il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li hemm fis-seħħ. Dawn il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605.

(10) Biex jitqiesu l-iżviluppi riċenti fis-sitwazzjoni epidemjoloġika tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-Unjoni, u biex jiġu miġġielda b'mod proattiv ir-riskji assoċjati mat-tixrid ta' dik il-marda, jenħtieġ li jiġu demarkati żoni ristretti ġodda ta' daqs biżżejjed għall-Ġermanja, għall-Italja u għal-Latvja, u jiġu elenkati kif xieraq bħala żoni ristretti I, II u III fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605. Peress li s-sitwazzjoni fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer hija dinamika ħafna fl-Unjoni, id-demarkazzjoni ta' dawk iż-żoni ristretti ġodda qieset ukoll is-sitwazzjoni fiż-żoni tal-madwar.

(11) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, importanti li l-emendi li jridu jsiru fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 permezz ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS I*

**ŻONI RISTRETTI**

PARTI I

1. **Il-Ġermanja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Ġermanja:

Bundesland Brandenburg:

— Landkreis Dahme-Spreewald:

— Gemeinde Alt Zauche-Wußwerk,

— Gemeinde Byhleguhre-Byhlen,

— Gemeinde Märkische Heide, mit den Gemarkungen Alt Schadow, Neu Schadow, Pretschen, Plattkow, Wittmannsdorf, Schuhlen-Wiese, Bückchen, Kuschkow, Gröditsch, Groß Leuthen, Leibchel, Glietz, Groß Leine, Dollgen, Krugau, Dürrenhofe, Biebersdorf und Klein Leine,

— Gemeinde Neu Zauche,

— Gemeinde Schwielochsee mit den Gemarkungen Groß Liebitz, Guhlen, Mochow und Siegadel,

— Gemeinde Spreewaldheide,

— Gemeinde Straupitz,

— Landkreis Märkisch-Oderland:

— Gemeinde Müncheberg mit den Gemarkungen Müncheberg, Eggersdorf bei Müncheberg und Hoppegarten bei Müncheberg,

— Gemeinde Bliesdorf mit den Gemarkungen Kunersdorf - westlich der B167 und Bliesdorf - westlich der B167

— Gemeinde Märkische Höhe mit den Gemarkungen Reichenberg und Batzlow,

— Gemeinde Wriezen mit den Gemarkungen Haselberg, Frankenfelde, Schulzendorf, Lüdersdorf Biesdorf, Rathsdorf - westlich der B 167 und Wriezen - westlich der B167

— Gemeinde Buckow (Märkische Schweiz),

— Gemeinde Strausberg mit den Gemarkungen Hohenstein und Ruhlsdorf,

— Gemeine Garzau-Garzin,

— Gemeinde Waldsieversdorf,

— Gemeinde Rehfelde mit der Gemarkung Werder,

— Gemeinde Reichenow-Mögelin,

— Gemeinde Prötzel mit den Gemarkungen Harnekop, Sternebeck und Prötzel östlich der B 168 und der L35,

— Gemeinde Oberbarnim,

— Gemeinde Bad Freienwalde mit der Gemarkung Sonnenburg,

— Gemeinde Falkenberg mit den Gemarkungen Dannenberg, Falkenberg westlich der L 35, Gersdorf und Kruge,

— Gemeinde Höhenland mit den Gemarkungen Steinbeck, Wollenberg und Wölsickendorf,

— Landkreis Barnim:

— Gemeinde Joachimsthal östlich der L220 (Eberswalder Straße), östlich der L23 (Töpferstraße und Templiner Straße), östlich der L239 (Glambecker Straße) und Schorfheide (JO) östlich der L238,

  - Gemeinde Friedrichswalde mit der Gemarkung Glambeck östlich der L 239,
  - Gemeinde Althüttendorf,
  - Gemeinde Ziethen mit den Gemarkungen Groß Ziethen und Klein Ziethen westlich der B198,
  - Gemeinde Chorin mit den Gemarkungen Golzow, Senftenhütte, Buchholz, Schorfheide (Ch), Chorin westlich der L200 und Sandkrug nördlich der L200,
  - Gemeinde Britz,
  - Gemeinde Schorfheide mit den Gemarkungen Altenhof, Werbellin, Lichterfelde und Finowfurt,
  - Gemeinde (Stadt) Eberswalde mit der Gemarkungen Finow und Spechthausen und der Gemarkung Eberswalde südlich der B167 und westlich der L200,
  - Gemeinde Breydin,
  - Gemeinde Melchow,
  - Gemeinde Sydower Fließ mit der Gemarkung Grüntal nördlich der K6006 (Landstraße nach Tuchen), östlich der Schönholzer Straße und östlich Am Postweg,
  - Hohenfinow südlich der B167,
- Landkreis Uckermark:
  - Gemeinde Passow mit den Gemarkungen Briest, Passow und Schönow,
  - Gemeinde Mark Landin mit den Gemarkungen Landin nördlich der B2, Grünow und Schönermark,
  - Gemeinde Angermünde mit den Gemarkungen Frauenhagen, Mürow, Angermünde nördlich und nordwestlich der B2, Dobberzin nördlich der B2, Kerkow, Welsow, Bruchhagen, Greiffenberg, Günterberg, Biesenbrow, Görlsdorf, Wolletz und Altkünkendorf,
  - Gemeinde Zichow,
  - Gemeinde Casekow mit den Gemarkungen Blumberg, Wartin, Luckow-Petershagen und den Gemarkungen Biesendahlshof und Casekow westlich der L272 und nördlich der L27,
  - Gemeinde Hohenselchow-Groß Pinnow mit der Gemarkung Hohenselchow nördlich der L27,
  - Gemeinde Tantow,
  - Gemeinde Mescherin
  - Gemeinde Gartz (Oder) mit der Gemarkung Geesow sowie den Gemarkungen Gartz und Hohenreinkendorf nördlich der L27 und B2 bis Gartenstraße,
  - Gemeinde Pinnow nördlich und westlich der B2,
  - Gemeinde Nordwestuckermark mit den Gemarkungen Zernikow, Holzendorf, Rittgarten, Falkenhagen, Schapow, Schönermark (NWU), Wilhelmshof, Naugarten, Horst, Gollmitz, Klein-Sperrenwalde und Kröchlendorff,
  - Gemeinde Boitzenburger-Land mit den Gemarkungen Berkholz, Wichmannsdorf, Kuhz und Haßleben,
  - Gemeinde Mittenwalde,
  - Gemeinde Gerswalde mit den Gemarkungen Gerswalde, Buchholz, Pinnow (GE), Kaakstedt und Fergitz
  - Gemeinde Flieth-Steglitz,
  - Gemeinde Angermünde mit den Gemarkungen Wilmersdorf und Schmiedeberg,
  - Gemeinde Oberuckersee mit der Gemarkung Grünheide,
  - Gemeinde Gramzow mit der Gemarkung Gramzow östlich der der K7315, Gemarkungen

 — Meichow, Neumeichow, Polßen
 — Gemeinde Randowtal mit den Gemarkungen Wollin, Schmölln, Schwaneberg, Grenz
 — Gemeinde Brüssow mit den Gemarkungen Battin, Grünberg und Trampe,
 — Gemeinde Carmzow-Wallmow.
 — Gemeinde Grünow mit der Gemarkung Grenz,
 — Gemeinde Schenkenberg mit der Gemarkung Kleptow,
 — Gemeinde Schönfeld,
 — Gemeinde Göritz,
 — Gemeinde Prenzlau mit den Gemarkungen Dedelow, Schönwerder und Dauer,
 — Gemeinde Uckerland mit der Gemarkung Bandelow südlich der Straße von Bandelow zum Bandlowsee und der Gemarkung Jagow südlich der Straße vom Bandlowsee zur K7341,

— Landkreis Oder-Spree:

 — Gemeinde Storkow (Mark),
 — Gemeinde Spreenhagen mit den Gemarkungen Braunsdorf, Markgrafpieske, Lebbin und Spreenhagen,
 — Gemeinde Grünheide (Mark) mit den Gemarkungen Kagel, Kienbaum und Hangelsberg,
 — Gemeinde Fürstenwalde westlich der B 168 und nördlich der L 36,
 — Gemeinde Rauen,
 — Gemeinde Wendisch Rietz bis zur östlichen Uferzone des Scharmützelsees und von der südlichen Spitze des Scharmützelsees südlich der B246,
 — Gemeinde Reichenwalde,
 — Gemeinde Bad Saarow mit der Gemarkung Petersdorf und der Gemarkung Bad Saarow-Pieskow westlich der östlichen Uferzone des Scharmützelsees und ab nördlicher Spitze westlich der L35,
 — Gemeinde Tauche mit der Gemarkung Werder,
 — Gemeinde Steinhöfel mit den Gemarkungen Jänickendorf, Schönfelde, Beerfelde, Gölsdorf, Buchholz, Tempelberg und den Gemarkungen Steinhöfel, Hasenfelde und Heinersdorf westlich der L36 und der Gemarkung Neuendorf im Sande nördlich der L36,

— Landkreis Spree-Neiße:

 — Gemeinde Turnow-Preilack mit der Gemarkung Turnow,
 — Gemeinde Drachhausen,
 — Gemeinde Schmogrow-Fehrow,
 — Gemeinde Drehnow,
 — Gemeinde Teichland mit den Gemarkungen Maust und Neuendorf,
 — Gemeinde Dissen-Striesow,
 — Gemeinde Briesen,
 — Gemeinde Spremberg mit den Gemarkungen, Klein Buckow westlich der B79, Radeweise, Radewiese, Stradow, Straußdorf, Wolkenberg und der Gemarkung Spremberg westlich der Tagebaurandstraße,
 — Gemeinde Drebkau mit den Gemarkungen Jehserig und Kausche,
 — Gemeinde Neuhausen/Spree mit den Gemarkungen Groß Oßnig, Groß Döbbern und Klein Döbbern westlich der B 97,
 — Gemeinde Drebkau mit der Gemarkung Schorbus östlich der L521,

  - Gemeinde Kolkwitz mit den Gemarkungen Klein Gaglow und Hähnchen,
  - Gemeinde Welzow mit der Gemarkung Welzow,
  - Kreisfreie Stadt Cottbus außer der Gemarkung Kahren,
- Landkreis Oberspreewald-Lausitz:
  - Gemeinde Neupetershain,
  - Gemeinde Lauchhammer,
  - Gemeinde Schwarzheide,
  - Gemeinde Schipkau,
  - Gemeinde Senftenberg mit den Gemarkungen Brieske, Niemtsch, Senftenberg, Reppist, Hosena, Großkoschen, Kleinkoschen und Sedlitz,
  - die Gemeinde Schwarzbach mit der Gemarkung Biehlen,
  - Gemeinde Neu-Seeland mit den Gemarkungen Lieske, Bahnsdorf und Lindchen,
  - Gemeinde Großräschen mit den Gemarkungen Dörrwalde und Allmosen,
  - Gemeinde Tettau,
- Landkreis Elbe-Elster:
  - Gemeinde Großthiemig,
  - Gemeinde Hirschfeld,
  - Gemeinde Gröden,
  - Gemeinde Schraden,
  - Gemeinde Merzdorf,
  - Gemeinde Röderland mit der Gemarkung Wainsdorf, Prösen, Stolzenhain a.d. Röder,
  - Gemeinde Plessa mit der Gemarkung Plessa,
- Landkreis Prignitz:
  - Gemeinde Groß Pankow mit den Gemarkungen Baek, Tangendorf, Tacken, Hohenvier, Strigleben, Steinberg und Gulow,
  - Gemeinde Perleberg mit der Gemarkung Schönfeld,
  - Gemeinde Karstädt mit den Gemarkungen Postlin, Strehlen, Blüthen, Klockow, Premslin, Glövzin, Waterloo, Karstädt, Dargardt, Garlin und die Gemarkungen Groß Warnow, Klein Warnow, Reckenzin, Streesow und Dallmin westlich der Bahnstrecke Berlin/Spandau-Hamburg/Altona,
  - Gemeinde Gülitz-Reetz,
  - Gemeinde Putlitz mit den Gemarkungen Lockstädt, Mansfeld und Laaske,
  - Gemeinde Triglitz,
  - Gemeinde Marienfließ mit der Gemarkung Frehne,
  - Gemeinde Kümmernitztal mit der Gemarkungen Buckow, Preddöhl und Grabow,
  - Gemeinde Gerdshagen mit der Gemarkung Gerdshagen,
  - Gemeinde Meyenburg,
  - Gemeinde Pritzwalk mit der Gemarkung Steffenshagen,

Bundesland Sachsen:

- Landkreis Bautzen
  - Gemeinde Arnsdorf, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Cunewalde,

  - Gemeinde Demitz-Thumitz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Doberschau-Gaußig,
  - Gemeinde Göda, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Großharthau, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Großpostwitz/O.L.,
  - Gemeinde Hochkirch, sofern nicht bereits der Sperrzone II,
  - Gemeinde Kubschütz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Neukirch/Lausitz,
  - Gemeinde Obergurig,
  - Gemeinde Schmölln-Putzkau,
  - Gemeinde Sohland a. d. Spree,
  - Gemeinde Stadt Bautzen, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Bischhofswerda, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Radeberg, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Schirgiswalde-Kirschau,
  - Gemeinde Stadt Wilthen,
  - Gemeinde Steinigtwolmsdorf,
- Stadt Dresden:
  - Stadtgebiet, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
- Landkreis Meißen:
  - Gemeinde Diera-Zehren, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Glaubitz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Hirschstein,
  - Gemeinde Käbschütztal,
  - Gemeinde Klipphausen, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Niederau, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Nünchritz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Röderaue, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Gröditz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Lommatzsch,
  - Gemeinde Stadt Meißen, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Stadt Nossen außer Ortsteil Nossen,
  - Gemeinde Stadt Riesa,
  - Gemeinde Stadt Strehla,
  - Gemeinde Stauchitz,
  - Gemeinde Wülknitz, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  - Gemeinde Zeithain,
- Landkreis Mittelsachsen:
  - Gemeinde Reinsberg,

— Landkreis Sächsische Schweiz-Osterzgebirge:

— Gemeinde Bannewitz,

— Gemeinde Dürrröhrsdorf-Dittersbach,

— Gemeinde Kreischa,

— Gemeinde Lohmen,

— Gemeinde Müglitztal,

— Gemeinde Stadt Dohna,

— Gemeinde Stadt Freital,

— Gemeinde Stadt Heidenau,

— Gemeinde Stadt Hohnstein,

— Gemeinde Stadt Neustadt i. Sa.,

— Gemeinde Stadt Pirna,

— Gemeinde Stadt Rabenau mit den Ortsteilen Lübau, Obernaundorf, Oelsa, Rabenau und Spechtritz,

— Gemeinde Stadt Stolpen,

— Gemeinde Stadt Tharandt mit den Ortsteilen Fördergersdorf, Großopitz, Kurort Hartha, Pohrsdorf und Spechtshausen,

— Gemeinde Stadt Wilsdruff, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,

Bundesland Mecklenburg-Vorpommern:

— Landkreis Vorpommern Greifswald

— Gemeinde Penkun südlich der Autobahn A11,

— Gemeinde Nadrense südlich der Autobahn A11,

— Landkreis Ludwigslust-Parchim:

— Gemeinde Barkhagen mit den Ortsteilen und Ortslagen: Altenlinden, Kolonie Lalchow, Plauerhagen, Zarchlin, Barkow-Ausbau, Barkow,

— Gemeinde Blievenstorf mit dem Ortsteil: Blievenstorf,

— Gemeinde Brenz mit den Ortsteilen und Ortslagen: Neu Brenz, Alt Brenz,

— Gemeinde Domsühl mit den Ortsteilen und Ortslagen: Severin, Bergrade Hof, Bergrade Dorf, Zieslübbe, Alt Dammerow, Schlieven, Domsühl, Domsühl-Ausbau, Neu Schlieven,

— Gemeinde Gallin-Kuppentin mit den Ortsteilen und Ortslagen: Kuppentin, Kuppentin-Ausbau, Daschow, Zahren, Gallin, Penzlin,

— Gemeinde Ganzlin mit den Ortsteilen und Ortslagen: Dresenow, Dresenower Mühle, Twietfort, Ganzlin, Tönchow, Wendisch Priborn, Liebhof, Gnevsdorf,

— Gemeinde Granzin mit den Ortsteilen und Ortslagen: Lindenbeck, Greven, Beckendorf, Bahlenrade, Granzin,

— Gemeinde Grabow mit den Ortsteilen und Ortslagen: Fresenbrügge, Grabow, Griemoor, Heidehof, Kaltehof, Winkelmoor,

— Gemeinde Groß Laasch mit den Ortsteilen und Ortslagen: Groß Laasch,

— Gemeinde Kremmin mit den Ortsteilen und Ortslagen: Beckentin, Kremmin,

— Gemeinde Kritzow mit den Ortsteilen und Ortslagen: Schlemmin, Kritzow,

— Gemeinde Lewitzrand mit dem Ortsteil und Ortslage: Matzlow-Garwitz (teilweise),

Gemeinde Lübz mit den Ortsteilen und Ortslagen: Bobzin, Broock, Broock Ausbau, Hof Gischow, Lübz, Lutheran, Lutheran Ausbau, Riederfelde, Ruthen, Wessentin, Wessentin Ausbau,

— Gemeinde Neustadt-Glewe mit den Ortsteilen und Ortslagen: Hohes Feld, Kiez, Klein Laasch, Liebs Siedlung, Neustadt-Glewe, Tuckhude, Wabel,

— Gemeinde Obere Warnow mit den Ortsteilen und Ortslagen: Grebbin und Wozinkel, Gemarkung Kossebade teilweise, Gemarkung Herzberg mit dem Waldgebiet Bahlenholz bis an die östliche Gemeindegrenze, Gemarkung Woeten unmittelbar östlich und westlich der L16,

— Gemeinde Parchim mit den Ortsteilen und Ortslagen: Dargelütz, Neuhof, Kiekindemark, Neu Klockow, Möderitz, Malchow, Damm, Parchim, Voigtsdorf, Neu Matzlow,

— Gemeinde Passow mit den Ortsteilen und Ortslagen: Unterbrüz, Brüz, Welzin, Neu Brüz, Weisin, Charlottenhof, Passow,

— Gemeinde Plau am See mit den Ortsteilen und Ortslagen: Reppentin, Gaarz, Silbermühle, Appelburg, Seelust, Plau-Am See, Plötzenhöhe, Klebe, Lalchow, Quetzin, Heidekrug,

— Gemeinde Rom mit den Ortsteilen und Ortslagen: Lancken, Stralendorf, Rom, Darze, Paarsch,

— Gemeinde Spornitz mit den Ortsteilen und Ortslagen: Dütschow, Primark, Steinbeck, Spornitz,

— Gemeinde Werder mit den Ortsteilen und Ortslagen: Neu Benthen, Benthen, Tannenhof, Werder.

2. **L-Estonja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fl-Estonja:

— Hiiu maakond.

3. **Il-Greċja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Greċja:

— in the regional unit of Drama:

— the community departments of Sidironero and Skaloti and the municipal departments of Livadero and Ksiropotamo (in Drama municipality),

— the municipal department of Paranesti (in Paranesti municipality),

— the municipal departments of Kokkinogeia, Mikropoli, Panorama, Pyrgoi (in Prosotsani municipality),

— the municipal departments of Kato Nevrokopi, Chrysokefalo, Achladea, Vathytopos, Volakas, Granitis, Dasotos, Eksohi, Katafyto, Lefkogeia, Mikrokleisoura, Mikromilea, Ochyro, Pagoneri, Perithorio, Kato Vrontou and Potamoi (in Kato Nevrokopi municipality),

— in the regional unit of Xanthi:

— the municipal departments of Kimmerion, Stavroupoli, Gerakas, Dafnonas, Komnina, Kariofyto and Neochori (in Xanthi municipality),

— the community departments of Satres, Thermes, Kotyli, and the municipal departments of Myki, Echinos and Oraio and (in Myki municipality),

— the community department of Selero and the municipal department of Sounio (in Avdira municipality),

— in the regional unit of Rodopi:

— the municipal departments of Komotini, Anthochorio, Gratini, Thrylorio, Kalhas, Karydia, Kikidio, Kosmio, Pandrosos, Aigeiros, Kallisti, Meleti, Neo Sidirochori and Mega Doukato (in Komotini municipality),

— the municipal departments of Ipio, Arriana, Darmeni, Archontika, Fillyra, Ano Drosini, Aratos and the Community Departments Kehros and Organi (in Arriana municipality),

— the municipal departments of Iasmos, Sostis, Asomatoi, Polyanthos and Amvrosia and the community department of Amaxades (in Iasmos municipality),

— the municipal department of Amaranta (in Maroneia Sapon municipality),

— in the regional unit of Evros:

— the municipal departments of Kyriaki, Mandra, Mavrokklisi, Mikro Dereio, Protokklisi, Roussa, Goniko, Geriko, Sidirochori, Megalo Derio, Sidiro, Giannouli, Agriani and Petrolofos (in Soufli municipality),

— the municipal departments of Dikaia, Arzos, Elaia, Therapio, Komara, Marasia, Ormenio, Pentalofos, Petrota, Plati, Ptelea, Kyprinos, Zoni, Fulakio, Spilaio, Nea Vyssa, Kavili, Kastanies, Rizia, Sterna, Ampelakia, Valtos, Megali Doxipara, Neochori and Chandras (in Orestiada municipality),

— the municipal departments of Asvestades, Ellinochori, Karoti, Koufovouno, Kiani, Mani, Sitochori, Alepochori, Asproneri, Metaxades, Vrysika, Doksa, Elafoxori, Ladi, Paliouri and Poimeniko (in Didymoteixo municipality),

— in the regional unit of Serres:

— the municipal departments of Kerkini, Livadia, Makrynitsa, Neochori, Platanakia, Petritsi, Akritochori, Vyroneia, Gonimo, Mandraki, Megalochori, Rodopoli, Ano Poroia, Katw Poroia, Sidirokastro, Vamvakophyto, Promahonas, Kamaroto, Strymonochori, Charopo, Kastanousi and Chortero and the community departments of Achladochori, Agkistro and Kapnophyto (in Sintiki municipality),

— the municipal departments of Serres, Elaionas and Oinoussa and the community departments of Orini and Ano Vrontou (in Serres municipality),

— the municipal departments of Dasochoriou, Irakleia, Valtero, Karperi, Koimisi, Lithotopos, Limnochori, Podismeno and Chrysochorafa (in Irakleia municipality).

4. **Il-Latvja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Latvja:

— Dienvidkurzemes novada, Grobiņas pagasts, Nīcas pagasta daļa uz ziemeļiem no apdzīvotas vietas Bernāti, autoceļa V1232, A11, V1222, Bārtas upes, Otaņķu pagasts, Grobiņas pilsēta,

— Ropažu novada Stopiņu pagasta daļa, kas atrodas uz rietumiem no autoceļa V36, P4 un P5, Acones ielas, Dauguļupes ielas un Dauguļupītes.

5. **Il-Litwanja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Litwanja:

— Kalvarijos savivaldybė,

— Klaipėdos rajono savivaldybė: Agluonėnų, Dovilų, Gargždų, Priekulės, Vėžaičių, Kretingalės ir Dauparų-Kvietinių seniūnijos,

— Marijampolės savivaldybė,

— Palangos miesto savivaldybė,

— Vilkaviškio rajono savivaldybė: Bartninkų, Gižų, Gražiškių, Keturvalakių, Kybartų, Pajevonio,Šeimenos, Vilkaviškio miesto, Virbalio, Vištyčio seniūnijos..

6. **L-Ungerija**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fl-Ungerija:

— Békés megye 950950, 950960, 950970, 951950, 952050, 952750, 952850, 952950, 953050, 953150, 953650, 953660, 953750, 953850, 953960, 954250, 954260, 954350, 954450, 954550, 954650, 954750, 954850, 954860, 954950, 955050, 955150, 955250, 955260, 955270, 955350, 955450, 955510, 955650, 955750, 955760, 955850, 955950, 956050, 956060, 956150 és 956160 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Bács-Kiskun megye 600150, 600850, 601550, 601650, 601660, 601750, 601850, 601950, 602050, 603250, 603750 és 603850 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Budapest 1 kódszámú, vadgazdálkodási tevékenységre nem alkalmas területe,

— Csongrád-Csanád megye 800150, 800160, 800250, 802220, 802260, 802310 és 802450 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Fejér megye 400150, 400250, 400351, 400352, 400450, 400550, 401150, 401250, 401350, 402050, 402350, 402360, 402850, 402950, 403050, 403450, 403550, 403650, 403750, 403950, 403960, 403970, 404650, 404750, 404850, 404950, 404960, 405050, 405750, 405850, 405950,

— 406050, 406150, 406550, 406650 és 406750 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Győr-Moson-Sopron megye 100550, 100650, 100950, 101050, 101350, 101450, 101550, 101560 és 102150 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Jász-Nagykun-Szolnok megye 750150, 750160, 750260, 750350, 750450, 750460, 754450, 754550, 754560, 754570, 754650, 754750, 754950, 755050, 755150, 755250, 755350 és 755450 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Komárom-Esztergom megye 250150, 250250, 250450, 250460, 250550, 250650, 250750, 251050, 251150, 251250, 251350, 251360, 251650, 251750, 251850, 252250, kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe,

— Pest megye 571550, 572150, 572250, 572350, 572550, 572650, 572750, 572850, 572950, 573150, 573250, 573260, 573350, 573360, 573450, 573850, 573950, 573960, 574050, 574150, 574350, 574360, 574550, 574650, 574750, 574850, 574860, 574950, 575050, 575150, 575250, 575350, 575550, 575650, 575750, 575850, 575950, 576050, 576150, 576250, 576350, 576450, 576650, 576750, 576850, 576950, 577050, 577150, 577350, 577450, 577650, 577850, 577950, 578050, 578150, 578250, 578350, 578360, 578450, 578550, 578560, 578650, 578850, 578950, 579050, 579150, 579250, 579350, 579450, 579460, 579550, 579650, 579750, 580250 és 580450 kódszámú vadgazdálkodási egységeinek teljes területe.

7. **Il-Polonja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Polonja:

w województwie kujawsko - pomorskim:

— powiat rypiński,

— powiat brodnicki,

— powiat grudziądzki,

— powiat miejski Grudziądz,

— powiat wąbrzeski,

w województwie warmińsko-mazurskim:

— gminy Wielbark i Rozogi w powiecie szczycieńskim,

w województwie podlaskim:

— gminy Wysokie Mazowieckie z miastem Wysokie Mazowieckie, Czyżew i część gminy Kulesze Kościelne położona na południe od linii wyznaczonej przez linię kolejową w powiecie wysokomazowieckim,

— gminy Miastkowo, Nowogród, Śniadowo i Zbójna w powiecie łomżyńskim,

— gminy Szumowo, Zambrów z miastem Zambrów i część gminy Kołaki Kościelne położona na południe od linii wyznaczonej przez linię kolejową w powiecie zambrowskim,

— gminy Grabowo, Kolno i miasto Kolno, Turośl w powiecie kolneńskim,

w województwie mazowieckim:

— powiat ostrołęcki,

— powiat miejski Ostrołęka,

— gminy Bielsk, Brudzeń Duży, Bulkowo, Drobin, Gąbin, Łąck, Nowy Duninów, Radzanowo, Słupno, Staroźreby i Stara Biała w powiecie płockim,

— powiat miejski Płock,

— powiat ciechanowski,

— gminy Baboszewo, Dzierzążnia, Joniec, Nowe Miasto, Płońsk i miasto Płońsk, Raciąż i miasto Raciąż, Sochocin w powiecie płońskim,

— powiat sierpecki,

— gmina Bieżuń, Lutocin, Siemiątkowo i Żuromin w powiecie żuromińskim,

— część powiatu ostrowskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— gminy Dzieżgowo, Lipowiec Kościelny, Mława, Radzanów, Strzegowo, Stupsk, Szreńsk, Szydłowo, Wiśniewo w powiecie mławskim,

— powiat przasnyski,

— powiat makowski,

— powiat pułtuski,

— część powiatu wyszkowskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— część powiatu węgrowskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— część powiatu wołomińskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— gminy Mokobody i Suchożebry w powiecie siedleckim,

— gminy Dobre, Jakubów, Kałuszyn, Stanisławów w powiecie mińskim,

— gminy Bielany i gmina wiejska Sokołów Podlaski w powiecie sokołowskim,

— powiat gostyniński,

w województwie podkarpackim:

— powiat jasielski,

— powiat strzyżowski,

— część powiatu ropczycko – sędziszowskiego niewymieniona w części II i II załącznika I,

— gminy Pruchnik, Rokietnica, Roźwienica, w powiecie jarosławskim,

— gminy Fredropol, Krasiczyn, Krzywcza, Przemyśl, część gminy Orły położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 77, część gminy Żurawica na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 77 w powiecie przemyskim,

— powiat miejski Przemyśl,

— gminy Gać, Jawornik Polski, Kańczuga, część gminy Zarzecze położona na południe od linii wyznaczonej przez rzekę Mleczka w powiecie przeworskim,

— powiat łańcucki,

— gminy Trzebownisko, Głogów Małopolski, część gminy Świlcza położona na północ od linii wyznaczonej przez drogę nr 94 i część gminy Sokołów Małopolski położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr 875 w powiecie rzeszowskim,

— gmina Raniżów w powiecie kolbuszowskim,

— gminy Brzostek, Jodłowa, Pilzno, miasto Dębica, część gminy Czarna położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr A4, część gminy Żyraków położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr A4, część gminy wiejskiej Dębica położona na południe od linii wyznaczonej przez drogę nr A4 w powiecie dębickim,

w województwie świętokrzyskim:

— gminy Nowy Korczyn, Solec–Zdrój, Wiślica, Stopnica, Tuczępy, Busko Zdrój w powiecie buskim,

— powiat kazimierski,

— powiat skarżyski,

— część powiatu opatowskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— część powiatu sandomierskiego niewymieniona w części II załącznika I,

— gminy Bogoria, Osiek, Staszów i część gminy Rytwiany położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 764, część gminy Szydłów położona na wschód od linii wyznaczonej przez drogę nr 756 w powiecie staszowskim,

— gminy Pawłów, Wąchock, część gminy Brody położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 9 oraz na południowy - zachód od linii wyznaczonej przez drogi: nr 0618T biegnącą od północnej granicy gminy do skrzyżowania w miejscowości Lipie, drogę biegnącą od miejscowości Lipie do wschodniej granicy gminy i część gminy Mirzec położona na zachód od linii wyznaczonej przez drogę nr 744 biegnącą od południowej granicy gminy do miejscowości Tychów Stary a następnie przez drogę nr 0566T biegnącą od miejscowości Tychów Stary w kierunku północno - wschodnim do granicy gminy w powiecie starachowickim,

— powiat ostrowiecki,

— gminy Fałków, Ruda Maleniecka, Radoszyce, Smyków, Słupia Konecka, część gminy Końskie położona na zachód od linii kolejowej, część gminy Stąporków położona na południe od linii kolejowej w powiecie koneckim,

(198) Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-iskema ZFM kif implimentata mill-Portugall tikser l-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE u għalhekk tikkostitwixxi għajnuna illegali li ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

### 6.2.4. *Il-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-GBER tal-2014*

(199) Il-Portugall iqis li l-GBER tal-2014 ma japplikax b'mod retroattiv għal għotjiet ta' għajnuna individwali skont l-iskema ZFM għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-kompatibbiltà tagħhom ([195]). Il-Portugall iqis ukoll li interpretazzjoni flessibbli tal-GBER tal-2014 ma teħtieġx li l-benefiċjarji taż-ZFM ikollhom l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom f'Madeira. L-għotjiet ta' għajnuna individwali jridu jiġu eżaminati skont il-kundizzjonijiet tal-għajnuna operatorja reġjonali previsti mir-RAG tal-2007 u huma koperti wkoll mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u l-2013.

(200) Peress li l-iskema ġiet implimentata mill-Portugall bi ksur tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u tal-2013 u ma tistax titqies kompatibbli mas-suq intern skont ir-RAG tal-2007, il-Kummissjoni trid teżamina jekk għotjiet individwali skont dik l-iskema jistgħux, madankollu, jitqiesu kompatibbli ([196]) skont il-GBER tal-2014, li jista' japplika b'mod retroattiv għall-għajnuna individwali, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti ([197]).

([192]) "Centro Internacional de Negócios da Madeira", Sociedade de Desenvolvimento da Madeira, Statistika, Diċembru 2018.

([193]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Settembru 2009, *Diputación Foral de Álava and Others*, v *Commission*, T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 to T-88/02, ECLI:EU:C:2009:314, il-paragrafu 226.

([194]) 2007 RAG, il-paragrafu 80.

([195]) L-Artikolu 58(1) tal-GBER tal-2014.

([196]) Il-Kummissjoni ma tqisx li huwa meħtieġ li ssir analiżi tal-karattru tal-għajnuna tal-iskema, minħabba li l-Portugall qatt ma argumenta li l-iskema ZFM ma kinitx tikkostitwixxi skema ta' għajnuna skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1, li ma għadux fis-seħħ).

([197]) L-Artikolu 58(1) tal-GBER tal-2014.

(201) B'konformità mal-Artikolu 15(4) tal-GBER tal-2014, "[f]ir-reġjuni ultraperiferiċi, skemi ta' għajnuna operatorja jikkumpensaw għall-ispejjeż operatorji addizzjonali mġarrba f'dawk ir-reġjuni bħala effett dirett ta' wieħed jew iktar mill-iżvantaġġi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, fejn il-benefiċjarji jkollhom l-attività ekonomika tagħhom f'reġjun ultraperiferiku sakemm l-ammont ta' għajnuna annwali għal kull benefiċjarju taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna operatorja implimentati skont dan ir-Regolament ma jkunx iktar minn wieħed mill-persentaġġi li ġejjin: (a) 35 % tal-valur miżjud gross maħluq annwalment mill-benefiċjarju fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat; (b) 40 % tal-ispejjeż annwali kollha tal-lavranti mġarrba mill-benefiċjarju fir- reġjun ultraperiferiku kkonċernat; (c) 30 % tal-fatturat nett annwali tal-benefiċjarju magħmul mill-benefiċjarju fir-reġjun l-iktar imbiegħed ikkonċernat". Kif imsemmi f'dan l-artikolu, ir-raġuni għal din l-awtorizzazzjoni eċċezzjonali ta' għajnuna operatorja għal kumpanija hija li tikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-attività tagħha fir-reġjun ultraperiferiku.

(202) Ir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira huwa reġjun ultraperiferiku deżinjat mill-Artikolu 349 tat-TFUE. Għalhekk, abbażi tal-Artikolu 15(4) tal-GBER tal-2014, huwa eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont id-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE, sakemm: (i) il-benefiċjarji jkollhom l-attività tagħhom fir-reġjun ultraperiferiku, u (ii) l-ammont annwali tal-għajnuna ma jaqbiżx persentaġġ massimu tal-valur miżjud gross annwali, jew il-kostijiet tax-xogħol annwali jew il-fatturat annwali tal-benefiċjarju mġarrab/imwettaq fir-reġjun.

(203) Il-Kummissjoni tindika li l-miżura implimentata tikkonsisti f'benefiċċji tat-taxxa, li għandhom l-effett li jnaqqsu l-ispejjeż li l-kumpaniji jkollhom iġarrbu bħala parti mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom. Għalhekk, din tikkostitwixxi għajnuna operatorja favur il-kumpaniji li jistgħu jibbenefikaw minnha fiż-ZFM.

(204) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall matul il-monitoraġġ tal-2015, il-benefiċjarji tal-iskema ZFM implimentata mill-Portugall mhux neċessarjament għandhom l-attività effettiva tagħhom f'Madeira. Barra minn hekk, l-ammonti tal-għajnuna involuti ma humiex neċessarjament relatati mal-valur miżjud gross, mal-kostijiet tax-xogħol jew mal-fatturat iġġenerat f'Madeira.

*Konklużjoni*

(205) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-għotjiet ta' għajnuna individwali skont l-iskema ZFM kif implimentata mill-Portugall jiksru d-dispożizzjonijiet tal-GBER tal-2014.

*Konklużjoni*

(206) Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskema ZFM kif implimentata mill-Portugall tikkostitwixxi għajnuna illegali li ma hijiex kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE.

(207) Għalhekk, l-adozzjoni ta' deċiżjoni kondizzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2015/1589, kif issuġġerit mill-Portugall ([198]), ma hijiex mezz xieraq biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma fit-Taqsima 6.2 ta' din id-Deċiżjoni.

## 7. L-IRKUPRU, IĊ-ĊERTEZZA LEGALI U L-ASPETTATTIVI LEĠITTIMI

### 7.1. L-irkupru

(208) F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija kompetenti sabiex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġx li jabolixxi jew li jbiddel l-għajnuna meta jkun sab li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ([199]). Il-Qrati tal-Unjoni sostnew ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi l-għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa maħsub biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ([200]).

([198]) Il-premessa 71 ta' din id-Deċiżjoni.
([199]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1973, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, C-70/72, ECLI:EU:C:1973:87, il-paragrafu 13.
([200]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-142/87, ECLI:EU:C:1990:125, il-paragrafu 66.

(209) F'dan il-kuntest, il-Qrati tal-Unjoni stabbilew li dan l-objettiv jintlaħaq ġaladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq intern, u tiġi restawrata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna ([201]).

(210) F'konformità mal-ġuriżprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 jiddikjara li "[fejn] jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju".

(211) B'hekk, minħabba li l-miżura inkwistjoni ġiet implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u trid titqies bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, din jenħtieġ li tiġi rkuprata sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel l-għoti tagħha. Jenħtieġ li l-irkupru jkopri ż-żmien mid-data meta l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv. L-ammont li jrid jiġi rkuprat jenħtieġ li jinkludi l-imgħax sal-irkupru effettiv.

*Identifikazzjoni tal-benefiċjarji li mingħandhom għandha tiġi rkuprata l-għajnuna*

(212) L-għajnuna illegali u inkompatibbli trid tiġi rkuprata mill-intrapriżi li fil-fatt ibbenefikaw minnha. Madankollu, meta l-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tidentifika, fid-deċiżjoni nnifisha, l-impriżi kollha li jkunu rċevew għajnuna illegali u inkompatibbli, dan ikollu jsir fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-proċess ta' rkupru mill-Istat Membru kkonċernat, li jkollu jħares lejn is-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata.

(213) F'dan il-każ partikolari, il-benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli huma dawk il-persuni fiżiċi u ġuridiċi rreġistrati fiż-ZFM mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2014. Minn dan il-grupp inizjali ta' benefiċjarji, l-awtoritajiet Portugiżi jenħtieġ li jeskludu mill-irkupru dawk il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li għalihom tista' tingħata prova li: (i) huma kkonformaw mal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jibbenefikaw mill-iskema ZFM kif approvata fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u l-2013, li jfisser li l-introjtu tagħhom kien relatat ma' attività mwettqa effettivament u materjalment f'Madeira u l-impjiegi effettivament maħluqa/miżmuma fir-reġjun; jew (ii) il-vantaġġ totali riċevut għal kull benefiċjarju taħt l-iskema ma jaqbiżx il-limiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1998/2006 ([202]) jew fir-Regolament Nru 1407/2013 ([203]), sakemm dawn il-vantaġġi jkunu konformi wkoll mal-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti f'dawk ir-regolamenti; jew (iii) l-għajnuna individwali riċevuta minn benefiċjarju partikolari tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 ([204]), bħall-GBER tal-2014.

(214) Il-bqija tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li bbenefikaw mill-iskema ZFM huma l-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat implimentata illegalment li mingħandhom l-awtoritajiet Portugiżi huma meħtieġa jirkupraw il-vantaġġ tal-għajnuna riċevuta.

*Kwantifikazzjoni tal-għajnuna*

(215) Il-Kummissjoni ma hijiex legalment meħtieġa li tiffissa l-ammont eżatt li għandu jiġi rkuprat, speċjalment meta ma jkollhiex id-*data* meħtieġa biex tagħmel dan. Minflok, huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tippermetti lill-Istat Membru jiddetermina l-ammont rekuperabbli mingħajr diffikultà eċċessiva.

(216) Il-Kummissjoni tqis li l-metodoloġija li ġejja jenħtieġ li tintuża mill-Portugall biex jiddetermina l-ammont ta' għajnuna inkompatibbli li trid tiġi rkuprata mingħand kull benefiċjarju:

(a) għandu jiġi ddeterminat, għal kull sena, l-għadd ta' impjiegi, f'ALU, maħluqa u miżmuma fir-reġjun għal kull benefiċjarju;

([201]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-75/97, ECLI:EU:C:1999:311, il-paragrafi 64 u 65.
([202]) Nota 170 f'qiegħ il-paġna hawn fuq.
([203]) Nota 171 f'qiegħ il-paġna hawn fuq.
([204]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1).

(b) għandha tiġi ddeterminata, għal kull sena, il-bażi taxxabbli fir-rigward tal-introjtu relatat mal-attività mwettqa effettivament u materjalment f'Madeira;

(c) għandha tiġi applikata r-rata tat-taxxa taż-ZFM għal din il-bażi taxxabbli filwaqt li jitqies in-numru ta' impjiegi maħluqa identifikati fil-punt (a), abbażi tat-tabelli ta' kalkolu ppreżentati fil-premessi 12 u 16 ta' din id-Deċiżjoni;

(d) l-ammont ta' għajnuna għandu jkun daqs l-ammont effettiv riċevut għal kull benefiċjarju fis-sena nieqes l-ammont effettivament relatat mal-attività f'Madeira ikkalkolat fil-punt (c).

(217) Fil-każijiet kollha fejn ikun meħtieġ irkupru, dak l-irkupru għandu jidħol fis-seħħ miż-żmien meta l-vantaġġ ikun ingħata lill-benefiċjarji, jiġifieri, mid-data tal-att legali li jagħti lill-benefiċjarji d-dritt li jibbenefikaw minn tali skema, mingħajr preġudizzju għall-perjodu ta' limitazzjoni għall-irkupru tal-għajnuna previst mill-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589.

(218) Is-somom li għandhom jiġu rkuprati jenħtieġ li jġarrbu mgħax mid-data li fiha tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom. Jenħtieġ li l-imgħax jiġi kkalkulat fuq bażi komposta f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([205]).

(219) Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Portugall kellu diffikultà f'li jipprovdi informazzjoni affidabbli biex jidentifika l-benefiċjarji u biex jivvaluta jekk u kemm għajnuna rċevew taħt l-iskema. Ma jistax jiġi eskluż li meta tiġi stabbilita l-lista finali tal-benefiċjarji u l-ammonti ta' għajnuna korrispondenti li jridu jiġu rkuprati, kif previst mill-metodu deskritt fil-premessa 216 ta' din id-Deċiżjoni, il-Portugall jista' jerġa' jkollu bżonn ta' żmien addizzjonali. F'konformità mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli ([206]), fir-rigward taż-żmien għall-irkupru mingħand benefiċjarji individwali tal-ammonti ta' għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli, l-awtoritajiet Portugiżi jenħtieġ li jkollhom erba' xhur biex jissottomettu lista finali ta' benefiċjarji flimkien mal-pjan ta' implimentazzjoni tal-proċess ta' rkupru, u tmien xhur biex fil-fatt jimplimentaw l-irkupru.

### 7.2. **Iċ-ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi**

(220) Il-Portugall iqis li l-kumpaniji li rċevew għajnuna skont l-iskema ZFM kisbu d-dritt għal ċertezza legali u għal aspettattivi leġittimi li ma jkunux soġġetti għal xi deċiżjoni ta' rkupru ([207]).

(221) Numru limitat ta' partijiet interessati terzi qajmu argument simili ([208]).

(222) Hija ġuriżprudenza stabbilita li l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tal-UE. Dan il-prinċipju ġie aċċettat progressivament fl-ordni legali tal-Unjoni permezz tal-ġuriżprudenza, li ddeskrivietu bħala "stat tad-dritt superjuri" għall-protezzjoni tal-individwi ([209]), bħala "wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Komunità" ([210]) u bħala "prinċipju ġenerali" ([211]). Huwa meqjus bħala l-korollarju tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, li jirrikjedi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni trid tkun ċerta u l-applikazzjoni tagħha prevedibbli minn

([205]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1). Ara, b'mod partikolari, l-emenda tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 11(3) mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).

([206]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli (2019/C 247/01) (ĠU C 247, 23.7.2019, p. 1), il-paragrafi 68 u 72.

([207]) Il-premessi 94 u 95 ta' din id-Deċiżjoni.

([208]) Il-premessa 110 ta' din id-Deċiżjoni.

([209]) Is-sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Mejju 1975, *CNTA* vs *Commission*, 74/74, ECLI:EU:C:1975:59, il-paragrafu 44.

([210]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2005, *VEMW et*, C-17/03, ECLI:EU:C:2005:362, il-paragrafu 73.

([211]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2001, *ir-Repubblika Taljana* vs *il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, C-403/99, ECLI:EU:C:2001:507, il-paragrafu 35.

persuni soġġetti għaliha, fis-sens li tfittex, fejn ir-regoli jinbidlu, li tiżgura l-protezzjoni ta' sitwazzjonijiet li b'mod leġittimu jidħlu fihom persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar b'mod partikolari ([212]). Kif deskritt fil-premessi 12 sa 17 ta' din id-Deċiżjoni, ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-2007 u tal-2013 biex l-iskema ZFM titqies kompatibbli mas-suq intern kienu ċari, u l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti kienet prevedibbli b'mod ċar. Konsegwentement, deċiżjoni ta' rkupru f'dan il-każ tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju taċ-ċertezza legali.

(223) Skont il-ġuriżprudenza stabbilita tal-Unjoni, id-dritt li wieħed jibbaża fuq il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi jippresupponi li jkunu ngħataw assigurazzjonijiet preċiżi, inkondizzjonati u konsistenti li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli lill-persuna kkonċernata minn istituzzjoni tal-UE ([213]). Madankollu, persuna ma tistax tinvoka ksur ta' dak il-prinċipju sakemm ma tkunx ingħatat assigurazzjonijiet preċiżi mill-amministrazzjoni ([214]).

(224) Konsegwentement, ma jista' jkun hemm l-ebda aspettattiva leġittima li għajnuna hija legali sakemm ma tkunx ingħatat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108 tat-TFUE, peress li negozjant diliġenti normalment jenħtieġ li jkun jista' jiddetermina jekk dik il-proċedura ġietx segwita ([215]).

(225) Kif jidher minn din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ma tikkontestax l-eżistenza u l-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna li kienet approvat fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2007 u tal-2013. Din id-Deċiżjoni hija relatata mal-implimentazzjoni tal-iskema ZFM sa fejn ma kinitx konformi mat-termini ta' dawk id-deċiżjonijiet (jiġifieri sa fejn f'xi każijiet ippermettiet kumpaniji rreġistrati fiż-ZFM li jibbenefikaw minn għajnuna fil-forma ta' rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal profitti li jirriżultaw minn attivitajiet mhux imwettqa effettivament u materjalment f'Madeira, u kkalkulati fuq il-bażi ta' numru mhux verifikabbli ta' impjiegi maħluqa jew miżmuma fiż-ZFM). Il-fatt li l-Kummissjoni approvat l-iskema ZFM bid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2007 u tal-2013 ma jwassalx għall-konklużjoni li l-Kummissjoni tagħti assigurazzjonijiet preċiżi, inkondizzjonati u konsistenti li r-Reġim III kien se jiġi ttrattat bħala għajnuna kompatibbli inkluż f'sitwazzjonijiet fejn it-termini tal-approvazzjoni ma jiġux irrispettati.

(226) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li kienet talbet l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni espliċita fl-abbozz ta' liġi nnotifikat mill-Portugall fit-28 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi li t-tnaqqis fit-taxxa jkun ristrett għall-profitti li jirriżultaw minn attivitajiet imwettqa f'Madeira ([216]). Il-Portugall naqas milli jagħmel dan peress li qies li tali dispożizzjoni ma kinitx meħtieġa minħabba li dan il-fatt ħareġ mill-bażi legali taż-ZFM ([217]).

(227) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Portugall u l-benefiċjarji tal-iskema ZFM ma jistgħux jiddikjaraw b'mod validu li s-sejba li l-iskema ZFM, kif implimentata mill-Portugall, tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mas-suq intern tikser il-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi jew ċertezza legali, li jipprekludi l-irkupru ta' dik l-għajnuna inkompatibbli.

([212]) Ara, għal dak il-għan, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2000, *Rombi and Arkopharma*, C-107/97, ECLI:EU:C:2000:253, il-paragrafu 66 u l-ġuriżprudenza ċċitata fih, u l-Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Léger tad-9 ta' Frar 2006, *Ir-Renju tal-Belġju u Forum 187 ABSL* vs *il-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, kawżi magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:EU:C:2006:89, il-paragrafu 367.

([213]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Lulju 2011, *Alcoa Trasformazioni* vs *Il-Kummissjoni*, C-194/09 P, ECLI:EU:C:2011:497, il-paragrafu 71 u l-ġuriżprudenza ċċitata fih; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2005, *Branco* vs *Il-Kummissjoni*, T-347/03, ECLI:EU:T:2005:265, il-paragrafu 102 u l-ġurisprudenza ċċitata fih; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Frar 2006, *Cementbouw Handel & Industrie* vs *Il-Kummissjoni*, T-282/02, ECLI:EU:T:2006:64, il-paragrafu 77; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2009, *CPEM* vs *Il-Kummissjoni*, T-444/07, ECLI:EU:T:2009:227, il-paragrafu 126.

([214]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Frar 2006, *TEA-CEGOS et* vs *Il-Kummissjoni*, il-kawżi magħquda T-376/05 u T-383/05, ECLI:EU:T:2006:47, il-paragrafu 88 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha. Ara wkoll b'analoġija s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Novembru 2009, *Franza u France Télécom* vs *Il-Kummissjoni*, il-Kawżi magħquda T-427/04 u T-17/05, ECLI:EU:T:2009:474, il-paragrafu 261.

([215]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Marzu 1997, *Land Rheinland-Pfalz* vs *Alcan Deutschland*, C-24/95, ECLI:EU:C:1997:163, il-paragrafu 25 u l-ġurizprudenza ċċitata fih.

([216]) Ittra tad-9 ta' Novembru 2006 (D/54422).

([217]) Ittra ta' tweġiba mill-Portugall tad-19 ta' Diċembru 2006.

## 8. **KONKLUŻJONI**

(228) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Portugall implimenta b'mod illegali l-iskema ZFM bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE u li l-għajnuna mogħtija lil benefiċjarji individwali skont din l-iskema hija inkompatibbli mas-suq intern,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iskema ta' għajnuna "Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III", sal-punt li ġiet implimentata mill-Portugall bi ksur tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)3037 final u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)4043 final, ġiet implimentata illegalment mill-Portugall bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

L-għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ma tikkostitwixxix għajnuna jekk, meta tingħata, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/1588 li huwa applikabbli fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna.

*Artikolu 3*

L-għajnuna individwali mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 li, fiż-żmien li tingħata, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 jew stabbiliti minn regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1588, hija kompatibbli mas-suq intern sal-intensitajiet massimi tal-għajnuna applikabbli għal dak it-tip ta' għajnuna.

*Artikolu 4*

1. Il-Portugall għandu jirkupra l-għajnuna inkompatibbli mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 mingħand il-benefiċjarji.

2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom l-imgħax mid-data li fiha jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Il-Portugall għandu jabolixxi l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli sal-punt imsemmi fl-Artikolu 1 u għandu jħassar il-pagamenti ta' għajnuna pendenti kollha b'effett mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

1. L-irkupru tal-għajnuna mogħtija skont l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Portugall għandu jiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien tmien xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

1. Fi żmien erba' xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Portugall għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna abbażi tal-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali tal-għajnuna li kull wieħed minn dawk il-benefiċjarji rċieva abbażi tal-iskema;

(b) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħax tal-irkupru) li jrid jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri ppjanati sabiex tinżamm konformità ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Portugall għandu jżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna mogħtija skont l-iskema u msemmija fl-Artikolu 1 tkun irkuprata għalkollox. Huwa għandu jissottometti minnufih, fuq talba mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u dawk ippjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni.

Il-Portugall għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u ta' mgħaxijiet tal-irkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Il-Kummissjoni tista' tippubblika l-identità tal-benefiċjarji tal-għajnuna inkompatibbli u l-ammonti tal-għajnuna u tal-imgħax tal-irkupru rkuprati fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2015/1589.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1415

**tat-18 ta' Awwissu 2022**

**dwar l-approvazzjoni parzjali, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' regoli modifikati dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo)**

*(notifikata bid-dokument C(2022) 5783)*

**(it-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) Fit-22 ta' Frar 2022, l-awtoritajiet Taljani għarrfu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, b'abbozz ġdid ta' digriet dwar regoli modifikati dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo) ("l-abbozz tad-digriet Giovannini").

## 2. SFOND U DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

### 2.1. L-abbozz tad-digriet Giovannini

(2) L-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini jimmodifika l-Artikolu 4 tad-digriet tat-3 ta' Marzu 2000 dwar ir-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo), kif emendat, bil-mod li ġej:

"Paragrafu 1:

It-trasportaturi tal-ajru jistgħu joperaw rotot skedati minn punt għal punt, bl-użu ta' inġenji tal-ajru b'qafas dejjaq, bejn l-ajruport ta' Milan Linate u ajruporti oħra fl-Unjoni Ewropea, jew ajruporti li jkunu ta' Stat li jkun daħal fi ftehim ta' tip vertikali mal-Unjoni Ewropea li jirregola s-servizzi tal-ajru tiegħu u li jinsabu wkoll f'raġġ ta' 1 500 km — imkejjel skont il-metodu tar-rotta ortodromika — mill-ajruport ta'Milan Linate, fil-limiti tal-kapaċità operattiva definita tal-ajruport ta' MilanLinate. It-trasportaturi tal-ajru li ġejjin biss jistgħu joperaw tali rotot:

(a) it-trasportaturi definiti bħala trasportaturi tal-ajru Komunitarji skont l-Artikolu 2(10) u (11) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tal-avjazzjoni, f'konformità ma' dak ir-Regolament;

(b) it-trasportaturi ddeżinjati minn pajjiż biex joperaw servizzi tal-ajru abbażi ta' ftehim tat-tip vertikali li dak il-pajjiż ikun għamel mal-Unjoni Ewropea, diment li r-rotta tikkonċerna ajruport f'raġġ ta' 1 500 km — imkejjel skont il-metodu tar-rotta ortodromika — mill-ajruport ta' Milan Linate."

([1]) ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

(3) L-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini jimmodifika wkoll l-Artikolu 4 tad-digriet tat-3 ta' Marzu 2000 dwar ir-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo), kif emendat, bil-mod li ġej:

"Il-Paragrafu 2:

Sabiex tiġi ggarantita l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' biljetti u t-trasport tal-passiġġieri fuq rotot minn punt għal punt li jtiru mill-ajruport ta' Milan Linate jew lejh għandhom ikunu permessi biss fir-rigward ta' ajruporti li jinsabu fil-konfini ġeografiċi definiti fil-paragrafu 1."

(4) Il-premessi tal-abbozz tad-digriet Giovannini jiddikjaraw li l-emenda tar-regoli eżistenti dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti ta' Milan hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ajruport ta' Milan Linate jibqa' "ajruport tal-belt" li jaqdi destinazzjonijiet fuq distanzi qosra, u biex jiġi sfruttat bis-sħiħ l-iżvilupp ta' Milan Malpensa bħala ajruport ċentrali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ajruport ta' Milan Linate jkun konness ukoll ma' ajruporti barra mill-Unjoni, sakemm dawn ikunu f'raġġ ta' 1 500 km, u l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim orizzontali jew komprensiv dwar it-trasport bl-ajru mal-pajjiż terz li fih jinsab l-ajruport.

(5) Fl-ispjegazzjonijiet li jakkumpanjaw in-notifika, l-awtoritajiet Taljani indikaw li l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2 tkun tippermetti li r-rotot bejn Milan Linate u pajjiżi bħar-Renju Unit, l-Istati Membri taż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea jew il-Marokk jibqgħu joperaw, fil-limiti definiti tal-kapaċità tal-ajruport, jiġifieri 18-il moviment fis-siegħa.

(6) Skont l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2, ir-raġġ ta' 1 500 km madwar l-ajruport ta' Milan Linate għandu jitkejjel f'konformità mal-metodu tar-rotta ortodromika. Fin-notifika tagħhom l-awtoritajiet Taljani spjegaw li dik id-distanza tintuża fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bħala livell limitu biex jiġu kkategorizzati titjiriet ta' distanzi differenti (eż. ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])).

(7) Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tiżgura l-infurzar tal-abbozz tal-Artikolu 4 tal-paragrafu 1, u tirrifletti l-approċċ tar-regoli attwali dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku. Ir-regoli attwali jinkarigaw lill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili nazzjonali biex timmonitorja t-traffiku tal-ajru fl-ajruporti ta' Milan Linate u Milan Malpensa u tirrapporta lill-Ministeru tal-Infrastruttura u tat-Trasport, sabiex tivvaluta jekk dawk ir-regoli humiex qed jiġu osservati u jekk hijiex meħtieġa kwalunkwe azzjoni addizzjonali.

### 2.2 **Konsultazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet Taljani**

(8) Fis-6 ta' Settembru 2021, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Taljana (ENAC), f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, stiednet lill-partijiet interessati għal konsultazzjoni li kellha ssir fit-8 ta' Settembru 2021, fl-ajruport ta' Milan Linate.

(9) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Taljani, il-konsultazzjoni attendew għaliha l-Kumitati tal-Utenti tal-Ajruport tal-ajruporti ta' Linate u ta' Malpensa magħmula minn trasportaturi tal-ajru, kumpaniji tas-servizzi fuq l-art, il-korp ta' ġestjoni tal-ajruport u l-koordinatur tas-slots.

(10) Skont ir-rapport ta' konsultazzjoni, il-maġġoranza tal-partijiet kienu favur l-emenda proposta.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

## 3. **KONSULTAZZJONI MWETTQA MILL-KUMMISSJONI**

(11) Fil-25 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) sommarju tal-emendi proposti tar-regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku, kif innotifikat mill-awtoritajiet Taljani, u tat lill-partijiet interessati 20 jum biex jissottomettu l-kummenti.

(12) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn ħames partijiet interessati, li l-biċċa l-kbira minnhom xtaqu li jibqgħu anonimi.

(13) Il-partijiet interessati kollha appoġġaw l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2, għalkemm parti waħda talbet li r-raġġ jiġi estiż lil hinn mill-1 500 km biex jinkludi aktar destinazzjonijiet.

(14) Tliet partijiet interessati appoġġaw espressament l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3, bl-argument li dan itejjeb il-konformità mal-abbozz tal-Artikolu 4, il-paragrafu 1, u jżomm l-ajruport ta' Linate bħala ajruport tassew minn punt għal punt. Parti interessata waħda esprimiet tħassib dwar l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3 bl-argument li l-projbizzjoni tal-bejgħ tal-biljetti lejn destinazzjonijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4, il-paragrafu 1, hija sproporzjonata. Dik il-parti kellha wkoll tħassib serju dwar kif id-dispożizzjoni se tiġi implimentata u ddubitat li d-dispożizzjoni tkun xierqa biex tindirizza problemi ta' kapaċità.

## 4. **VALUTAZZJONI**

(15) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tosserva li t-tliet ajruporti li għalihom tapplika r-regola ta' distribuzzjoni tat-traffiku notifikata, Milan Linate, Milan Malpensa u Orio al Serio (Bergamo), jissodisfaw l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008. L-ajruporti jaqdu l-konurbazzjoni ta' Milan, li jissodisfa l-ewwel kundizzjoni. L-infrastruttura u l-konnessjonijiet tat-trasport pubbliku bejn it-tliet ajruporti u bejnhom u l-belt ta' Milan huma tali li jikkonformaw mat-tieni u t-tielet kundizzjoni. Barra minn hekk, l-ajruporti joffru s-servizzi meħtieġa lit-trasportaturi tal-ajru b'tali mod li jissodisfaw ir-raba' kundizzjoni.

(16) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni approvaw l-adozzjoni ta' regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku li kellhom l-għan li jistabbilixxu l-ajruport ta' Milan Malpensa bħala ċentru internazzjonali u lil Milan Linate bħala ajruport minn punt għal punt biex jiġi limitat il-fluss tat-traffiku f'dak l-ajruport.

(17) B'mod aktar speċifiku, id-Digrieti Bersani u Bersani 2 tal-5 ta' Jannar 2001, approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/163/KE ([4]), imponew, fl-ajruport ta' Milan Linate, limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' servizzi bir-ritorn ta' kuljum lejn l-ajruporti tal-Unjoni identifikati abbażi tal-volum tat-traffiku tal-passiġġieri. Id-Digriet Bersani u d-Digriet Bersani 2 illimitaw ukoll l-ajruport ta' Milan Linate għal ajruplani b'korsija waħda għal konnessjonijiet bi skeda minn punt għal punt fl-Unjoni biss. Dan kellu l-effett li jimbotta t-traffiku li kien fadal lejn l-ajruport ta' Malpensa.

(18) Id-Digriet Del Rio tat-18 ta' Novembru 2016, approvat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2019 ([5]), kellu l-għan li jottimizza l-użu tal-ajruport ta' Milan Linate u li jtejjeb il-konnettività tiegħu mal-bliet Ewropej l-oħra kollha, filwaqt li jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ta' żvilupp ta' Malpensa bħala ċentru fir-rwol speċifiku tiegħu bħala portal interkontinentali. Id-Digriet Del Rio għalhekk neħħa l-limitazzjonijiet fuq il-frekwenzi bbażati fuq il-volumi tat-traffiku tal-passiġġieri li jistgħu jiġu operati lejn u minn Linate, iżda żamm destinazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni biss bħala li jistgħu jinqdew bl-użu ta' inġenji tal-ajru b'qafas dejjaq.

([3]) Notifika mill-Italja rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 li tikkonċerna r-regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti ta' Milan Malpensa u Milan Linate (ĠU C 134, 25.3.2022, p. 28).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/163/KE tal-21 ta' Diċembru 2000 dwar proċedura relatata mal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 (il-Każ TREN/AMA/12/00 — regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku tal-Italja għas-sistema tal-ajruport ta' Milan) (ĠU L 58, 28.2.2001, p. 29).

([5]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2019 tas-16 ta' Novembru 2016 dwar l-approvazzjoni, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' regoli mmodifikati dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate u ta' Orio al Serio (Bergamo) (ĠU L 312, 18.11.2016, p. 73).

(19) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-politika tal-Italja fir-rigward tal-ajruporti ta' Milan Malpensa u ta' Linate.

(20) Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2, il-Kummissjoni tinnota li dan ineħħi ċerti limitazzjonijiet imposti fuq is-servizzi tal-ajru fl-ajruport ta' Linate. Destinazzjonijiet ġodda ta' pajjiżi terzi jistgħu jinqdew lejn u mill-ajruport ta' Linate li jaqgħu f'raġġ ta' 1 500 km mill-ajruport u li jinsabu f'pajjiż li miegħu l-Unjoni kkonkludiet ftehim orizzontali jew komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.

(21) Abbażi tal-approċċ meħud fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2019, sa fejn l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2 jneħħi l-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-ajruport ta' Linate u minnu sabiex it-trasportaturi tal-ajru jkunu jistgħu jkunu aktar effiċjenti u jkollhom aktar għażla fl-istabbiliment tal-iskedi tagħhom skont id-domanda tal-passiġġieri, il-kwistjoni tal-proporzjonalità ma tqumx.

(22) Fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2 tkun tirriżulta f'żieda ta' destinazzjonijiet ġodda mal-ajruport ta' Linate b'mod trasparenti u abbażi ta' kriterji oġġettivi li ma jwasslux għal diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew id-destinazzjonijiet tal-Unjoni.

(23) Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3, il-Kummissjoni ssib li jeżistu problemi fir-rigward tal-proporzjonalità u tat-trasparenza, bi ksur tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

(24) Id-dispożizzjoni tipprojbixxi d-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' biljetti bejn l-ajruport ta' Milan Linate u kwalunkwe destinazzjoni barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2, u kwalunkwe itinerarju tal-ivvjaġġar konness (għall-kuntrarju ta' rotta diretta minn punt għal punt). Kif iċċarat mill-awtoritajiet Taljani matul il-laqgħat mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-4 ta' April 2022, u fit-30 ta' Ġunju 2022, bħala segwitu għall-mistoqsijiet bil-miktub mibgħuta mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-1 ta' April 2022, dan mhux biss jipprevjeni lit-trasportaturi tal-ajru milli joffru itinerarji tal-ivvjaġġar mal-ajruport ta' Milan Linate bħala l-punt ta' trasferiment, iżda wkoll itinerarji tal-ivvjaġġar lejn jew mill-ajruport ta' Linate li sussegwentement jagħmlu konnessjoni f'ajruporti oħra barra Milan. Fil-fatt, id-dispożizzjoni tirregola l-fluss tat-trasferiment tal-passiġġieri f'ajruporti barra Milan.

(25) Il-Kummissjoni tqis li r-restrizzjoni tat-titjiriet konnessi u t-trasferiment tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Linate hija proporzjonata biex jintlaħaq l-objettiv li jinżamm bħala ajruport minn punt għal punt u li jitkompla l-iżvilupp tal-ajruport ta' Malpensa bħala ċentru internazzjonali. Madankollu, ir-regolazzjoni tal-fluss tal-passiġġieri fi trasferiment f'ajruporti 'l barra minn Milan, taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni leġittimu tar-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti li jaqdu belt jew konurbazzjoni partikolari, f'dan il-każ Milan.

(26) Barra minn hekk, l-emenda proposta tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-ajruporti tal-Italja u tinterferixxi bla bżonn mal-libertà tan-negozju u l-libertà tat-trasportaturi tal-ajru li jipprovdu servizzi f'ajruporti barra Milan.

(27) Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3 iqajjem kwistjonijiet ta' trasparenza, peress li mhuwiex ċar kif ir-regoli se jiġu infurzati mill-awtoritajiet Taljani. Id-dispożizzjoni inkwistjoni ma tiċċarax jekk humiex l-iskedi tat-trasportaturi tal-ajru biss li se jiġu mmonitorjati, jew jekk l-aġenti tal-ivvjaġġar u d-distributuri tal-biljetti humiex se jinżammu responsabbli wkoll għall-wiri ta' ċerti itinerarji konnessi barra l-ajruport ta' Linate. Lanqas ma huwa ċar jekk dik id-dispożizzjoni għandhiex l-għan li tiġbor il-passiġġieri awtokonnessi li fuq l-itinerarji tal-ivvjaġġar tagħhom la t-trasportaturi tal-ajru u lanqas l-aġenti tal-ivvjaġġar jew distributuri oħra tal-biljetti ma għandhom kontroll.

## 5. **KONKLUŻJONI**

(28) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 2, li jemenda r-regoli eżistenti dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo), huwa kompatibbli mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

(29) Fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini kif imsemmi fil-premessa 3, il-Kummissjoni tqisu bħala mhux kompatibbli mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri previsti fl-Artikolu 1 tal-abbozz tad-digriet Giovannini dwar ir-regoli modifikati tad-distribuzzjoni tat-traffiku għall-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate, u ta' Orio al Serio (Bergamo) sottomessi lill-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2022 u kif imsemmi fil-premessa 2, huma approvati.

L-approvazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 1 ta' dak l-abbozz tad-digriet kif imsemmi fil-premessa 3 hija miċħuda.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
Adina VĂLEAN
*Membru tal-Kummissjoni*

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT